**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 4 ta' Ġunju 2017
Solennità ta' Għid il-Ħamsin – Quddiesa tal-Jum
Sena A

**Introduzzjoni**
Illum il-Knisja tiċċelebra s-solennità ta' Għid il-Ħamsin, l-għotja tal-Ispirtu s-Santu lill-Appostli. Id-don tal-Ispirtu jfisser kuraġġ u mħabba ta' Alla lejn il-bniedem. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 2, 1-11)
Dan l-ewwel qari jurina li hekk kif l-appostli rċevew l-Ispirtu s-Santu, huma bdew ixandru l-Kelma t'Alla b'ilsna ġodda.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 103)
Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art
*jew*
Hallelujah, hallelujah, hallelujah

**It-Tieni Qari** (1 Kor 12, 3b-7.12-13)
San Pawl jgħidilna li aħna lkoll membri fil-Knisja li hi l-ġisem mistiku ta' Kristu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**Sekwenza**
Inqumu bilwieqfa għas-sekwenza.

**L-Evanġelju** (Ġw 20, 19-23)
Id-don tal-Ispirtu li Ġesù ta lid-dixxipli tiegħu kien jissarraf f'qawwa biex ixandruH lill-ġnus kollha tal-art.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Ejjew f'dan il-mument għażiż inroddu ħajr lil Alla għad-don tal-Ispirtu li hu tana.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu flimkien ma' dik tal-Ewkaristija jgħinuna sabiex inxandru l-verità salvifika ta' Kristu.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.